**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 3 ta` Ottubru, 2018.**

**Talba Nru: 528/2017PA**

**Emanuel u Joyce konjuġi Borg eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta` JMP&C**

**vs**

**Frank Cachia u Anna Catering Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-17 ta` Novembru 2017 li permezz tiegħu l-atturi talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsuhom is-somma komplessiva ta` ħamest elef, disa' u ħamsin Ewro u tmenin ċenteżmu (€5,059.84ċ), ammont rappreżentanti (1) il-bilanċ pendenti u dovut ta` tlett elef, disa' mija, erbgħa u tmenin Ewro u disgħin ċenteżmu (€3,984.90ċ), liema mmont ġie aċċettat li jitħallas mill-konvenuti in solidum bejniethom sal-ewwel ta` April 2017 ai trmini tal-ftehim datat 14 ta` Ottubru 2016 (kopja ta` liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok.'A') iffirmata bejn il-partijiet *de quo* u dan għall-bejgħ ta` diversi prodotti ta` tindif suppliti lill-konvenuti u kkonsejati lilhom f'okkażjonijeit diversi, u (2) is-somma ta` elf u erbgħa u sebgħin Ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,074.94ċ) rappreżentanti l-interessi dekorsi sal-31 ta` Ottubru 2017 kkalkolati a bażi ta` l-istess ftehim liema ammont ukoll kellu jitħallas sal-1 ta` April 2017 skond l-imsemmi ftehim, liema mmont sal-lum għadu ma tħallasx. Bl-ispejjeż, u bl-interessi legali b'effett mill-1

ta` Novembru 2017 sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom, li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ra d-dokument ippreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament fotokopja ta` ftehim datat 14 ta` Ottubru 2016 bejn il-konvenut Frank Cachia f'ismu proprju u f'isem il-kumpanija kummerċjali Anna Catering Services Limited, u l-atturi, li permezz tiegħu ppremettew li l-atturi biegħu u kkonsenjaw lill-konvenuti prodotti ta` tindif, li dwarhom l-istess konvenuti kien fadlilhom iħallsu lill-atturi bilanċ fis-somma tlett elef, disa' mija, erbgħa u tmenin Ewro u disgħin ċenteżmu (€3,984.90ċ), *oltre* l-imgħaxijiet. Bl-istess ftehim, il-konvenuti obbligaw ruħhom li jħallsu l-ammont sħiħ dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta` April 2-17, bl-imgħax ta` 7% fis-sena mid-data tal-iskrittura.

Ra li l-konvenuti kienu debitament notifikati bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, ma ppreżentawx Risposta u lanqas dehru biex jikkontestaw il-kawża.

Sema' x-xiehda ta` David Farruġia, impjegat fit-tmexxija tad-ditta attriċi, li kkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut, filwaqt li ppreżenta rendikont tal-kont kurrenti bejn il-partijiet.

Preliminarjament, it-Tribunal jinnota li għalkemm *ictu oculi* t-talba attriċi, kif impustata, teċċedi l-kompetenza tiegħu kif stipulata fl-**art. 3(1)** tal-<u>Att dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar</u> (Kap. 380 tal-Liġijiet ta` Malta), billi t-talba tirrigwardja wkoll ħlas ta` imgħaxijiet, din taqa' fl-intier tagħha fil-kompetenza ta` dan it-Tribunal fit-termini tal-**art. 3(3)(ċ)** tal-istess liġi.

Fil-mertu, għalkemm il-kopja tal-ftehim li l-atturi jistrrieħu fuqħa fit-Talba tagħhom mhix awtentikata, u lanqas jidħru fuqħa l-firem kollha tal-partijiet komparenti, it-Tribunal jinsab moralment konvint, fuq bilanċ ta` probabilita`, li l-atturi bin-negozju tagħhom kellhom relazzjoni kummerċjali maż-żewġ konvenuti, li fil-kuntest

kummerċjali, għandhom responsabbilta` solidali bejniethom għall-ammont dovut, u mitlub f'din il-kawża.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta` tlett elef, disa' mija, erbgħa u tmenin Ewro u disgħin ċenteżmu (€3,984.90ċ), flimkien mal-imgħax fis-somma ta` elf u erbgħa u sebgħin Ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,074.94ċ), *oltre* l-imgħax legali fuq il-kapital dovut ta` tlett elef, disa' mija u erbgħa u tmenin Ewro u disgħin ċenteżmu (€3,984.90ċ) b'effett mill-1 ta` Novembru 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti flimkien u solidament bejniethom.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**